Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Numru. 622/2003

QORTI TAL-MAGISTRATI
(MALTA) BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

Illum, 12  ta’ Ottubru, 2007

Il-Pulizija
(Spettur Alexandra Mamo)

vs

Anthony Scicluna

Il-Qorti,

Rat li l-imputat, Anthony Scicluna ta' 36 sena, bin Angelo u Georgina Camilleri imwieled Luqa fl-24 ta' Lulju 1966 u residenti 'Antmar' Triq tal-Mahznier Luqa u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 302466(M), gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, u cioe' fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' April u t-30 ta' Settembru 2002, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula  b' risoluzzjoni wahda:

Li japproprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnjata lilu fil-kapacita tieghu bhala wiehed mid-diretturi tal-kumpanija Pilastri Ltd. taht titolu li jgib l-obbligu tar- radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' approprja ruhu minn flejjes migbura bhala VAT mill-kumpanija Pilastri Ltd., liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn LM10,000, liema flejjes jappartjenu lil Gvern ta' Malta u persuni ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, dan bi ksur ta' l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-26 ta' Novembru 2004 fejn deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18, 293, 294, u 310 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment .

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi prodotti lli d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kiteb lill-pulizija fis-17 ta' Gunju 2003 (kopja tal-ittra relattiva esebita a folio 43 u 44 tal-process) u talabhom jinvestigaw allegat misappropriazzjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud migbura mis-socjeta' Pilastri Limited li taghha u imputat odjern kien il-*Managing Director* u liema ammont kien dovut lill Gvern ta' Malta.

Illi l-istess Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud indikaw bhala perjodu mill-1 ta' April 1997 sal 1 ta' April 2002. Id-Dipartiment irraporta wkoll lill-Pulizija li l-imputat Anthony Scicluna bhala *Managing Director* tas-Socjeta' Pilastri Limited kien issottometta returns ghall-perjodu msemmi u l-ammont bhala taxxa migbura li kienet indikata mill-istess *Managing Director* tas-socjeta' fuq ir-returns sottomessi minnu stess kien ta' tmienja u erbghajn elf erbgha mija u tlieta u sittin lira u dsatax –il centezmu Maltin (LM 48,463.19) mill-liema ammont kien thallas lil Gvern ta' Malta is-somma ta' hmistax–il elf lira sebgha mija u tmienja u tmenin lira Maltija u erbgha u erbghajn centezmu (LM 15,788.44) u kien ghalhekk li ghad irid jithallas l-ammont ta' tnejn u tletin elf lira u sitt mija erbgha u sebghajn lira u hamsa u sebghajn centezmi. (LM32,674.75).

Ili fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2006, deher Paul Scicluna, ir-rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u kkonferma li fil-mori tal-kawza odjerna l-imputat kien hallas lid-Dipartiment l-ammont kollu minnu dovut bhala Taxxa fuq Valur Mizjud.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qed jigi akkuzat b'misappropriazzjoni taht l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-elementi
essenzjali tar-reat ta' misappropriazzjoni huma is-segwenti

1.Il-vjolazzjoni tal-fiducja permezz ta' misappropriazzjoni ta' oggett jew flejjes appartenenti lil haddiehor fdati lil xi hadd sabiex isir uzu minnhom specifikat. Effettivament il-

vjolazzjoni tal-fiducja tavvera ruhha meta minflok isir l-uzu specifikat isir uzu differenti mill-persuna li lilha tkun giet fdata dak l-oggett jew dawk il-flus appartenenti lil haddiehor. Huwa necessarju ukoll illi jissussisti d-'dolo', jigifieri l-konsapevolezza illi qieghed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-proprjetarju tal-oggett jew tal-flus in kwistjoni.

2.Finalment, jenhtieg ukoll illi l-persuna tkun agixxiet sabiex tipprokura ghaliha innifisha jew ghal haddiehor profit ingust.

Illi dwar il-profitt l-Antolisei fil-ktieb tieghu 'Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale, fl-ewwel volum, pagna 316 sa pagna 331 jghid:

*'Per quanto concerne la consumazione del reato deve escludersi che sia necessario che la gente abbia conseguito un profitto perche dalla formula del articolo 646 si desume inmodo inequivocabile che il profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico; e' il fine a cui la volonta si deve dirigere. Non c'e' dubio che il delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato'.*

Dan ifisser illi anke jekk effettivament is-suggett ma jottjeni l-ebda profit ghalih, il-fatt illi l-intenzjoni tieghu kienet li jottjeni tali profit huwa sufficjenti sabiex jissusisti r-reat ta' misappropriazzjoni.

Illi fl-istqarrija minnu rilaxxjata fit-18 ta' Lulju 2003 (esebita a folio 16 tal-process) l-imputat qal li l-flus li kienet tigbor is-socjeta Pilastri Limited li taghha huwa kien il-*Managing Director* u li taghha huwa kien jiehu hsieb il-karti kollha kienu jigu depozitati fil-kont tal-kumpanija ma flejjes ohra u kienu jkomplu jiggeneraw il-flus. L-element ta' profit rikjest mill-ligi sabiex tissussisti akkuza ta' appropriazzjoni indikata ghalhekk jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp Kriminali mill-Prosekuzzjoni . Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuza kif dedotta fil-konfronti tal-imputat.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat illum il-gurnata hallas l-ammont kollu dovut lil Vat Department , kif ukoll il-fatt li huwa kkopera mal-pulizija u mal-ewwel ammetta l-involviment tieghu f’dawn ir-reati.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali kwazi netta tal-imputat u tara li ghandha taghtih l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu tal-Ligi ndikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-26 ta’ Novembru 2004 tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini  illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabilita tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------